**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 071/2017**

**WN (l-ilmentatur)**

**vs**

***GlobalCapital Financial Management Ltd.***

**(C 30053) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tad-9 ta' Lulju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** li bazikament jghid li fuq parir tal-provditur tas-servizz, l-ilmentatur investa s-somma ta' Lm17,000 fil-*Protected Asset TEP Fund 2* (*TEP 2*) fis-16 ta' Frar 2007, u meta dan inbiegh ghamel telf ta' Lm5,000.

Meta kien ser jinvesti l-ilmentatur ghamilha cara lir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li ried jinvesti flusu fiz-zgur minghajr riskji ghaliex il-flus ma kellux hliefhom.

Tant l-ilmentatur u ommu insistew li riedu investiment sikur, li Oliver Ellul, ghall-provditur tas-servizz, ghamel karta bil-kitba tieghu[1] li kienet tghid li l-kapital kien garantit.

L-ilmentatur ihoss li gie mqarraq mill-provditur tas-servizz ghax wara li tah ic-*cheque,* gieghelu jiffirma minghajr ma thalla jaqra d-dokumenti li ntalab jiffirma

[1] *A fol.* 7

u meta staqsih x'kien ser jiffirma qallu li fuq dak li tkellmu, u li l-kapital kien garantit u minghajr riskji.

L-ilmentatur qed jitlob kumpens ta' Lm5,000, telf li jghid garrab fuq il-kapital flimkien mal-interessi dovuti.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid**:

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont l-allegazzjoni ta' qerq sia in kwantu t-tehid ta' firma, kif ukoll fuq il-kwistjoni ta' jekk il-kapital kienx tassew garantit *o meno,* jidher ghalhekk illi qieghed jigi allegat li l-kunsens tal-ilmentatur biex jinvesti fl-investimenti mertu tal-kaz, ittiehed b'qerq u ingann; ghalhekk l-eccepjenti qieghda, ghal kull effett u tenur tal-Ligi, tinvoka l-preskrizzjoni ta' sentejn abbazi tal-Artikolu 1222(1) *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ma hux minnu li l-eccepjenti ezercitat *misselling*, kif l-ilment odjern jista' jigi maghsur fil-mertu;

5. Illi t-talba tal-ilmentatur ghall-hlas fis-somma ta' Lm5,000 (illum Euro 11,646) ma tistax tintlaqa' sakemm l-ilmentatur ma jipprovax illi dak ilmentat minnu kien effettivament il-kawza prossima ghat-telf minnu allegat u l-oneru tal-prova huwa fuq l-ilmentatur li jipprova sodisfacjentement in-ness kawzali bejn l-ilment dwar is-servizz u d-dannu effettiv;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf verament soffert mill-ilmentatur, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-

argument biss, jirrizulta li l-ilmentatur garrab xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni, b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjetà intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi apparti minn hekk, tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatur lanqas ma jista' jassumi illi kieku investa flusu f'investiment iehor il-kapital tieghu kien ser jibqa' shih u/jew li kien ser jaghmel dhul fuq l-investiment tieghu kif qed jippretendi l-ilmentatur;

7. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li seta' garrab l-ilmentatur huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-andament tas-swieq finanzjarji u tal-krizi finanzjarja dinjija;

8. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li hi ma kenitx qieghda tiggestixxi, in kwantu agixxiet biss bhala intermedjarju fil-bejgh tal-investiment bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur;

9. Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-investitur ma jistax jitlob kumpens ghal prodotti li ghazel li jinvesti fihom xjentement u liberament u li sussegwentement ghazel hu stess li jbiegh xjentement u liberament;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra d-dokumenti esebiti**

**Jikkonsidra**

***Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni***

L-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni huma kollha dwar preskrizzjoni a bazi tal-Artikoli 2153, 2156(f) u 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, l-Arbitru kellu diversi okkazjonijiet, anke f'decizjonijiet precedenti kontra l-istess provditur tas-servizz, fejn wasal ghall-konkluzjoni li l-ilment m'huwiex ibbazat fuq htija akkwiljana.

Dan konformi ma' dak li ddecidew il-Qrati taghna f'numru kbir ta' sentenzi meta kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet.

Hekk, perezempju, il-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza ricenti taghha tad-29 ta' Marzu 2019, fl-ismijiet ***Roland Darmanin Kissaun kif sostitut minn martu Maria Dolores Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,*** qalet dan li gej:

*'Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-ewwel Qorti li din il-kawza ma hijiex wahda aquiliana. Hu car li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq kuntratt u ksur tal-istess da parti tas-socjetà konvenuta. L-attur avvicina lis-socjetà konvenuta biex jiehu parir dwar kif jinvesti flusu bi qligh ghalih, u hekk kif is-socjetà konvenuta accettat li taqdi lill-attur u toffrilu s-servizzi professjonali taghha, hija dahlet f'relazzjoni kuntrattwali mal-attur, b'obbligu li ssegwi d-dmirijiet legali u fiducjarji imposti fuqha u li jemergu mill-kuntratt ta' din ix-xorta. Dak li qed ikun allegat huwa inadempjenza ta' obbligazzjoni u, allura, il-preskrizzjoni tal-azzjoni ma hijiex dik ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 (ara "Naudi v. Zammit", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1925) (Kollez. Vol. XXVI.i.54). Dak li qed jigi allegat li sehh mhux indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali li inholoq bejn il-partijiet, u t-talba ghad-danni hija meqjusa mhux biss meta jkun hemm agir delitjuz, izda anke u aktar meta jigi allegat agir bi ksur ta' kuntratt.'*

Dak li qalet il-Qorti tal-Appell 'il fuq citat japplika ghal dan il-kaz ukoll li huwa wiehed simili u, galadarba, inghata parir professjonali u nbiegh prodott finanzjarju, inholqot relazzjoni kuntrattwali u, ghalhekk, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 mhix applikabbli u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) mhix applikabbli ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab ir-rexxissjoni tal-obbligazzjoni, imma qed

jintalab kumpens a bazi ta' ksur tal-kuntratt specjali li kien jezisti bejn il-partijiet, liema kumpens huwa wkoll sanzjonat mill-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Appell Superjuri, fis-sentenza 'l fuq ikkwotata qalet:

*'Ikkonsidrat issa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, din il-Qorti tqis li anke dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz. L-attur ma talabx ir-rexxissjoni tal-kuntratt li kellu mas-socjetà konvenuta, u l-fatt li jallega li gie ingannat u gie indott fi zball, ma jfissirx li l-azzjoni hija wahda intiza ghar-rexxissjoni tal-kuntratt. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-attur ma huwiex qieghed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt konsegwenza tal-vizzju fil-kunsens tieghu, izda jikkontendi li l-vizzju tal-kunsens huwa konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjetà konvenuta. Il-bazi tal-azzjoni hija din l-allegata inadempjenza kuntrattwali, u ghalkemm dan jista' jkun rizultat ta' ingann da parti tas-socjetà konvenuta, l-attur mhux qed jitlob li l-kuntratt konsegwenzjali jigi rexxiss, izda li jigi kkumpensat ghat-telf li garrab.'*

L-Arbitru jaghmel tieghu dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell u ghall-istess ragunijiet qed jichad din l-eccezzjoni.

It-tielet eccezzjoni dwar preskrizzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. L-Arbitru jinnota li l-provditur tas-servizz ta tlett eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni u, fil-fehma tieghu, hemm inkonsistenza - jekk mhux kontradizzjoni - bejniethom ghaliex filwaqt li fl-ewwel eccezzjoni jinvoka l-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa aquiliana,* fit-tielet eccezzjoni jibbaza l-eccezzjoni fuq htija mnissla minn relazzjoni kuntrattwali.

Izda, ghall-kompletezza, l-Arbitru jqis li l-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) la giet ippruvata u lanqas giet sostnuta skont il-ligi.

Ir-risposta tal-provditur tas-servizz saret fl-1 ta' Gunju 2017, u f'dik id-data kienu digà dahlu fis-sehh l-emendi ghall-Kodici Civili dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Skont l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, id-debitur irid MINN JEDDU jiehu l-gurament, *bil-formalità li tghid il-ligi*, li m'ghandux jaghti, liema gurament id-debitur ma hadux u, ghalhekk, ma mexiex ma' dan ir-rekwizit tal-ligi.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz qies li ghall-finijiet tal-Artikolu 2137, iz-zmien ghall-preskrizzjoni kellu jibda jghodd mis-6 ta' Lulju 2004, *'mill-bejgh'* tal-

prodott. Dan gie msemmi biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li m'hijiex prova imma, aktar minn hekk, din id-data la hi realistika u wisq anqas guridikament sostenibbli ghaliex prodott ta' investiment ma jurikx x'inhu fil-mument tal-bejgh izda jrid jghaddi z-zmien biex min ikun investa jibda jinduna li l-prodott ma kienx addattat ghalih, u jekk l-imgiba tal-provditur tas-servizz kinetx tirrispetta l-obbligazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, id-data indikata mill-provditur tas-servizz mhix id-data li minnha kellu jiddekorri z-zmien ghall-preskrizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-eccezzjonijiet kollha dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

***Casus***

Dwar l-eccezzjoni li t-telf sostnut mill-ilmentatur kien rizultat ta' *casus,* din l-eccezzjoni wkoll ma gietx ippruvata. Biex tirnexxi l-eccezzjoni irid jigi ppruvat mill-provditur tas-servizz illi f'dak li gara hu ma kellu l-ebda htija, u dak li gara bl-ebda mod ma jista' jigi attribwit lilu imma gara minn xi forza magguri u dan b'mod assolut u mhux relattiv.

Dan huwa konfortat mill-Qorti tal-Appell *per* Imh. Philip Sciberras fis-sentenza fl-ismijiet: ***Simonds Farsons Cisk p.l.c. vs Mark Gerald Naylor et.* deciza fl-10 t'Ottubru 2010,** fejn il-Qorti sostniet:

*'Jinghad a propositu fuq dan il-punt illi "l-impossibilità li ghandha l-effett liberatorju in subjecta materia ma hix, per regola, dik relattiva, ossija subbjettiva, imma dik assoluta". ("John Falzon nomine -vs- Silvio Mifsud nomine", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960);*

*Skont id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti l-kawza ghal liema d-debitur mhux imputabbli hi identifikata f'event straordinarju jew imprevidibbli. Dawn huma ezemplifikati fiz-zewg koncetti predominanti tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri u li, ordinarjament, igibu l-impossibilità tal-prestazzjoni u jiddeterminaw it-telf tal-haga li trid tinghata skont l-oggett tal-obbligazzjoni. Hekk, huwa konkordi illi "**il caso fortuito e la forza maggiore è l'evento non dipendente da azione od omissione volontaria o colposa, non prevedibile e almeno non evitabile"** ("Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919). **Li jfisser, illi l-kaz fortuwitu jew il-forza magguri ma jehilsux mir-responsabilità ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta'***

***minn ikkaguna d-danni.*[2]** *(Ara "Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938), ghax allura jitlef in-natura tieghu ta' kaz fortuwitu jew ta' forza magguri, la darba seta' jkun impedut mid-debitur stess permezz tad-diligenza medja u ordinarja tal-bniedem normali li huwa kien obbligat li juza. (Ara "Albert Borg Falzon proprio et nomine et -vs- Charles Darmanin proprio et nomine", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju 1940)'.*

L-ilmentatur qed jilmenta li l-prodott mibjugh lilu ma kienx dak imwieghed ghaliex filwaqt li gie mwieghed prodott b'kapital garantit, huwa inghata prodott li l-kapital ma kienx garantit. Huwa lment ibbazat fuq ir-responsabbiltà kuntrattwali li dahal ghaliha l-provditur tas-servizz u jekk agixxiex b'mod ekwu, gust u ragonevoli u mhux qed jilmenta dwar l-operat jew ir-raguni ghall-falliment tal-prodott in kwistjoni. Finalment, irid jigi konkluz jekk il-provditur tas-servizz agixxiex *in bona fede* u jekk kienx diligenti fil-qadi tal-obbligazzjonijiet tieghu u, ghalhekk, ma jistax jissustixxi *casus.* Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni li l-provditur tas-servizz kien qed jagixxi biss ta' intermedjarju, l-Arbitru jhoss li din l-eccezzjoni hija wahda fiergha ghaliex jirrizulta ampjament mill-atti tal-kaz li l-provditur kien qed jaghti parir u jbiegh prodott ta' investiment u dan is-servizz kien qed jaghmlu bhala provditur tas-servizz licenzjat mill-*MFSA* biex jaghti dawn is-servizzi.

Ma ngabet l-ebda prova li f'xi mument l-ilmentatur gie avzat jew infurmat li l-provditur tas-servizz kien qed jagixxi f'isem xi haddiehor u, ghalhekk, din l-eccezzjoni mhix sostenibbli u qed tigi michuda.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**[3]

Il-qofol tal-ilment huwa li l-ilmentatur jghid li meta mar biex jinvesti huwa ghamilha cara lill-provditur tas-servizz li l-flus li ried jinvesti ma kellux hliefhom u talab b'mod enfatiku li jrid li l-kapital tieghu ikun garantit tant li r-

[2] Enfasi tal-Arbitru
[3] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

rapprezentant tal-provditur tas-servizz tah karta miktuba minnu[4] li tiggarantixxi dan.

Apparti d-diversi eccezzjonijiet preliminari li gew decizi, il-provditur tas-servizz jghid li kien l-ilmentatur li ghazel li jinvesti f'dan il-prodott, u kien hu li ghazel li jbieghu u li, filwaqt li jirrifjuta l-allegazzjoni ta' *misselling* tal-prodott, isostni li l-ilmentatur irid jipprova li t-telf li garrab kien minhabba l-ghemil tal-provditur tas-servizz.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentatur**

L-ilmentatur jghid li huwa gie mqarraq meta r-rapprezentant qallu li kien ser jinvesti fi prodott li l-kapital iteghu kien garantit mentri ma kienx. L-ilmentatur ipprezenta d-dokument DOC A[5] bhala prova ta' dan.

Xehed quddiem l-Arbitru[6] li meta iltaqa' ma' Oliver Ellul qallu li ma '*ridtx nitlef mis-somma li kont ser ninvesti. Qalli hawn dan il-fund u qalli "Din hija garantita u ghandek isserrah rasek" Qalli "Trid thallihom ghal hames snin u jekk inti thalli l-imghax hemm ghal hames snin, allura tiehu aktar".*

*Nghid li l-karta li giet ipprezentata minni bhala DOK A, a fol 7, din kien ghamilhieli Oliver Ellul u ffirmaha hu; u din kien ghamilha ghax kont issikkajtu fuq il-kwistjoni tal-garanzija tal-kapital.*

*Meta mort it-tieni darba biex naghtih ic-cekk, hareg id-dokumenti u qalli biex niffirma u qalli, "Dan fuq dak li tkellimna". Nghid li dawn id-dokumenti ma qrahomlix, la hu u lanqas hadd. Ma nafx jekk ittikjajtx xi kaxxi dak il-hin. Nghid li l-ebda dokument ma qrali. Meta jien staqsejtu dawn id-dokumenti x'kienu qalli li dak li fuq li tkellimna, però, qatt ma ssemmiet li jien f'xi hin jew iehor stajt nitlef il-kapital'.*

Jghid li meta ghadda z-zmien huwa tilef mill-kapital u rapprezentant iehor tal-provditur tas-servizz, certu Rodian Formosa, kien qallu li Oliver Ellul qatt ma messu investielu dawk il-flus kollha fi prodott wiehed u hu qatt ma kien ser jaghtih karta bhal *DOC A* fejn jiggarantilu l-kapital.

---

[4] *A fol.* 7
[5] *Ibid.*
[6] *A fol.* 229 *et seq*

Dak iz-zmien li investa, l-ilmentatur kien *barman* u kellu skola sekondarja.

‘*Nghid li f’dawn it-tip ta’ investimenti qatt ma investejt qabel u kelli xi deposit il-bank u, fil-fatt, is-somma li investejt ma’ GlobalCapital gbidtha minn xi depozitu li kelli l-bank. Nghid li kelli dawk il-flus ghax kont bieghejt post u nghid li ma kelli l-ebda investimenti ohra lanqas fil-mument li ghamilt dan l-investiment.*

*Jien mort il-GlobalCapital ghax ma kontx nifhem u ridt li jaghtuni ghajnuna professjonali; u investejthom hemm ghax serrahli rasi ghax kieku kont inhallihom il-bank.*

*Dawk il-flus jien ma kellix hliefhom. Illum ghandi 40 sena. Jien kont ser naghmel Lm16,000 u, mbaghad, ikkonvincieni u anke ghamilt Lm1,000 ohra u b’hekk investejt Lm17,000’.*[7]

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

L-uniku xhud li ressaq il-provditur tas-servizz kien Michael Schembri, li xehed permezz tal-*affidavit.*[8]

Jghid li dak li kien ser jixhed hadu mid-dokumenti li kien hemm fil-*file.* Huwa ma kienx involut fit-tranzazzjoni tal-bejgh tal-prodott.

Wara li jghid li l-provditur tas-servizz agixxa biss bhala intermedjarju, u esegwixxa biss l-ordni tal-ilmentatur biex jinvesti fil-prodott *de quo*, izid li mill-*file note* jirrizultaw il-punti principali tad-diskussjoni li saret dakinhar li inghata s-servizz.

Dan id-dokument, iffirmat mill-ilmentatur, huwa xhieda ta’ dak li gara. Il-*file note* hija *standard form* imma dan il-*format* kien permess mill-*MFSA*. Jghid li jirrizulta li l-ilmentatur ried jinvesti Lm17,000 li kellu fis-*savings account* tieghu u li gew spjegati id-dettalji ta’ dan il-prodott u huwa kkonferma li fehem ir-riskji involuti, u bl-istess firma, ikkonferma li l-investiment seta’ jitla’ u jinzel u jista’ jkun li jirkupra anqas minn dak li kien investa.

[7] *A fol.* 230
[8] *A fol.* 233 *et seq*

Huwa ffirma l-*Experienced Investor Declaration Form* fejn iddikjara li huwa '*experienced investor'* u li kien investa f'diversi investimenti ohra fil-hames snin ta' qabel.

L-ilmentatur biegh l-investiment tieghu fl-4 ta' Marzu 2004, u ha lura s-somma ta' GBP24,550.21 u, ghalhekk, ghamel telf ta' GBP1,396.47 u, ghalhekk, ma tilifx Lm5,000, kif jghid l-ilmentatur. Jghid li kieku l-ilmentatur halla l-investiment, illum kien jaghmel qligh.

**Kunsiderazzjonijiet Ohra**

L-Arbitru jinnota li ghalkemm l-ilmentatur semma kemm lil Oliver Ellul, li kien li bieghlu l-prodott, kif ukoll lil Rodian Formosa, li jahdem mal-provditur tas-servizz, l-istess provditur tas-servizz, ghar-ragunijiet tieghu, ghazel li ma jressaqhomx bhala xhieda u ressaq biss bhala xhud persuna li ma kellha x'taqsam xejn ma' din it-tranzazzjoni.

L-unika difiza li jgib il-provditur tas-servizz hija li sar kollox sew ghaliex l-ilmentatur kien iffirma xi dokumenti bhall-*file note* li kollox kien sew u skont il-ligi.

L-Arbitru jhoss li din hija difiza fjakka, u dan ghar-ragunijiet li gejjin.

L-aktar allegazzjoni qawwija li jaghmel l-ilmentatur kien li l-prodott mibjugh lilu gie mizrapprezentat mill-provditur tas-servizz ghaliex huwa inghata garanzija bil-miktub[9] minghand Oliver Ellul li l-kapital kien garantit.

Il-provditur tas-servizz kellu kull opportunità li jressaq lil Oliver Ellul jew biex imieri li mhux minnu li wieghed dan u anke jkun jista' jirrifjuta li d-dokument DOC A kien ghamlu hu. Galadarba dak li qal l-ilmentatur, li inghata garanzija li l-prodott kien garantit u li DOC A kien ghamilha Oliver Ellul ma gietx ikkontestata, jew muri xort'ohra mill-provditur tas-servizz, l-Arbitru m'ghandu l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jemmen lill-ilmentatur.

Barra minn hekk, ghalkemm Oliver Ellul ma telax jixhed quddiem l-Arbitru, meta deher quddiem l-*MFSA* li investigat dan il-kaz, huwa ammetta li kien iggarantixxa l-prodott bhala wiehed li kellu l-kapital garantit u li wkoll kien hu li kiteb DOC A

[9] *A fol.* 7

fejn hemm li l-kapital huwa garantit u li ma kien hemm riskji - '*No risks*'. Ammetta wkoll li l-mod kif kien iddeskriva l-prodott kien hazin:

*'During a meeting on 9 July 2010 held at the MFSA offices, we confronted Mr Ellul with the attached document i.e. Annex 1. Mr Ellul confirmed that both the signature and the handwriting are his. He also admitted that the way he described the product (on Annex 1) was wrong. Mr Ellul wrote "cap gteed" on the attached document. The PATF was never a capital guaranteed product, thus Mr Ellul's statement is completely incorrect and misleading*'.[10]

L-Arbitru ra sew DOC A u jidher car li Oliver Ellul mhux biss kiteb '*cap gteed',* li tfisser li l-kapital kien garantit, imma zied ukoll bi kliem kbar '*No RISKS'*. Biex ikompli jhajjar lill-ilmentatur kitiblu wkoll: '*No initial fees*', '*Giving an average yield of 8%*' u '*Extra allocation of 1%'.*[11]

Ghalhekk, il-verzjoni tal-ilmentatur li gie mwieghed li l-kapital kien garantit hija ppruvata u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz qarraq bl-ilmentatur u, kif ammetta Oliver Ellul mal *MFSA*, kien zbalja fid-deskrizzjoni tal-prodott. Dan huwa kaz car ta' ***misselling*** ta' prodott ghaliex *misselling* isehh meta tigri wahda jew aktar mis-segwenti:

- Ma jigix spjegat ir-riskju involut;
- Meta ma jinghatax taghrif kif il-flus ikunu ser jigu investiti;
- Meta l-prodott ma jissodisfax il-bzonnijiet (*not suitable*) u l-attitudni tar-riskju tal-investitur;
- Meta ma jigix spjegat il-prodott mibjugh;
- Meta ma jigux spjegati l-kundizzjonijiet u t-termini marbutin mal-prodott;
- Meta jinghata taghrif qarrieqi (*misleading*) dwar il-prodott;
- Meta ma jigux spjegati ic-*charges* relevanti u l-penalitajiet marbuta ghal min johrog kmieni mill-prodott.

[10] *A fol.* 40
[11] *A fol.* 7

Barra minn hekk, it-*TEP 2* kien prodott mahsub ghal-*'Experienced Investors'* biss ghax fid-dahla tad-DOK *PATF 3* [12] huwa ndikat bl-aktar mod car li:

'*Shares are only available to persons whom Abacus Financial Services Ltd consider to be sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in PATF'* u '***PATF has been established to enable experienced investors (experienced investors:- "persons who, in relation to any experienced investor fund, are sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund") to invest in the well established traded endowment market efficiently and simply***.'

Mill-provi jirrizulta li l-ilmentatur kien *barman* u ma kienx midhla tad-dinja tal-investimenti, tant li kien l-ewwel darba li nvesta f'xi haga li ma kinetx depozitu f'bank. Tant hu hekk li, kif ikkonferma Michael Schembri fl-*affidavit* tieghu, il-flus li l-ilmentatur investa fit-*TEP 2* kienu f'*savings account* tieghu.

Ghalhekk anke d-dikjarazzjoni li ttiehdet minghand l-ilmentatur, li kellu investimenti qabel, ma gietx spjegata lilu kif ma gewx spjegati lilu d-dokumenti l-ohra kollha li gie moghti biex jiffirma. L-*Experienced Investor Declaration Form* ukoll ittiehdet b'mod abbuziv u ttiehdet biss ghaliex min ma kienx '*experienced investor'*, skont id-definizzjoni tal-i*scheme particulars,* ma setax jinvesti.

Mix-xhieda tal-ilmentatur mhix kontradetta, meta hu staqsa x'kien ser jiffirma intqal biss lilu *'dak li tkellimna dwaru'* li, ovvjament, l-ilmentatur fehem dak li kien kitiblu Oliver Ellul fuq DOC A li l-kapital kien garantit, li ma kellux riskji u li ser idahhal bit-8% fil-mija.

Il-provditur tas-servizz kien jaf li l-ilmentatur kien *barman*, attenda biss skola sekondarja u ma kellux taghrif u esperjenza bizzejjed biex jifhem ir-riskji abbinati mat-*TEP 2*. Anzi, inghata garanzija li l-prodott ma kellux riskji. Ghalhekk, dak li jipprova jghid il-provditur tas-servizz, li l-firma tal-ilmentatur fuq id-dokumenti hija xhieda ta' dak li gara mhix sostenibbli ghaliex Oliver Ellul innifsu mal-*MFSA* ikkonferma li kien iggarantixxa l-prodott, u dan jikkonferma li d-dikjarazzjonijiet li ha minghand l-ilmentatur ma kinux veritieri.

[12] *A fol.* 182

F'dan il-qasam specjalizzat tas-servizzi finanzjarji, l-ilmentatur jaghti l-fiducja tieghu lill-provditur tas-servizz ghax jemmen li jkun qed jinghata servizz professjonali u ta' min jorbot fuqu.

Hekk gara wkoll f'dan il-kaz fejn l-ilmentatur xehed:

'*Jien mort il-GlobalCapital ghax jien ma kontx nifhem u ridt li jaghtuni ghajnuna professjonali; u investejthom hemm ghax serrahli rasi ghax kieku kont inhallihom il-bank.'*[13]

L-obbligi fiducjarji li ghandu provditur tas-servizz f'dan il-qasam huma kbar ghaliex il-konsumatur iz-zghir, u mhux professjonali, ikun jiddependi totalment fuqu u jafda flusu mieghu biex jipprotegihomlu.

F'dan il-kaz, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz abbuza mill-pozizzjoni ta' superjorità li kellu u, kif ammetta hu stess mal-*MFSA,* iddeskriva l-prodott hazin u, ghalhekk, biegh hazin il-prodott.

Il-provditur tas-servizz m'agixxiex skont il-prassi professjonali f'dan il-qasam,[14] u flok irrispetta l-aspettattivi legittimi u ragonevoli tal-ilmentatur,[15] investielu flusu fi prodott li ma kienx '*suitable'* ghalih u gie mibjugh taht pretensjonijiet foloz.

Barra minn hekk, l-imgiba tal-provditur tas-servizz tmur kontra principji bazici ta' kull kuntratt fejn il-partijiet huma mistennija li jagixxu *in bona fede* ma' xulxin billi jiehdu l-kunsens tal-parti l-ohra minghajr ebda qerq. F'dan il-kaz gara bil-maqlub.

**Dan kollu jwassal lill-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentatur investa s-somma ta' GBP26,208.77[16] u rkupra s-somma ta' GBP23,322.70[17] u, ghalhekk, ghamel telf ta' GBP2,886.07.**

---

[13] *A fol.* 230
[14] Kap. 555, Art.
[15] Kap. 555, Art.
[16] *A fol.* 42
[17] *A fol.* 238. Peress li l-Arbitru ikkonkluda li sehh *misselling* tal-prodott, l-ilmentatur m'ghandux isofri l-*commission* ta' GBP1227.51, li ha l-provditur tas-servizz.

**Għaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd* tħallas lill-ilmentatur is-somma ta' GBP2,886.07, jew l-ekwivalenti tagħhom fl-ewro, kif stabbilit fl-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-imgħax legali mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-ħlas effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**